**KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN**

---

**IL-SEBA' LEĠISLATURA**

**MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL**

**LAQGĦA NUMRU 20 – IT-TNEJN, 17 TA' FRAR 2014 FIL-5.30PM**

Il-Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

| | | |
|---|---|---|
| Preżenti | Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| | Marica Bayliss | Viċi Sindku |
| | Dominic Cassar | Kunsillier |
| | Trevor Fenech | Kunsillier |
| | Mikhail Micallef | Kunsillier |
| | Neville Mallia | Kunsillier |
| | Miguel Galea Sillato | Ambaxxatur |
| | Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |
| Skużati | | |
| | Rita Saliba | Kunsillier |
| | Joan Farrugia | Kunsillier |
| | Malcolm Abdilla | Kunsillier |

**1. Approvazzjoni Minuti Numru 19**

1.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-minuti. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Punti li johorgu mill-minuti**

2.1 Rigward punt numru 3.1, is-Sur Neville Mallia ġab għall-attenzjoni li hu kien kontra għax ma jridx li jinħoloq preċedent.

**3 Pagamenti Numru 18**

3.1 Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Is-Sinjura Marica Bayliss issekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Komunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Il-Kunsill ġie nfurmat li l-Bord tal-Appell ma laqax l-appelli tal-kumpanija Twish kontra l-Kunsill. Ġie deċiż li tinħareġ it-tender għall-ġbir tal-bulky refuse. Ġie deċiż ukoll li jsir arranġament ma' Twish għal tliet xhur biex din il-kumpanija tibqa' tipprovdi dan is-servizz sakemm isiru l-proċeduri tat-tendering.

4.1.1 Ġie deċiż ukoll li tinħareġ sejħa għall-kwotazzjoni għal servizzi ta' tindif u qtugħ ta' haxix fit-toroq mhux urbani. Ġie deċiż ukoll li dan is-servizz jiġi inkluż fit-tender tal-knis u t-tindif tat-toroq ġenerali, meta din terġa' toħroġ fl-aħħar tas-sena.

4.2 Kien hemm diskussjoni rigward l-istima l-ġdida tar-restawr tal-mural fi Triq Bella Vista. L-ammont il-ġdid huwa ta' 1700 Ewro. Kien hemm qbil fil-prinċipju, imma għandha ssir site visit mal-Perit minħabba l-problema tal-ilma.

4.3 Ġie spejgat l-accounts għas-sena 2013. Is-Sur Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-accounts għas-sena 2013. Is-Sur Dominic Cassar issekonda. Kien hemm qbil unanimu.

4.4 Kien hemm diskussjoni rigward l-ħlas pendenti li hemm dovut mir-Reġjun lill-Kunsill, bħala ħlas tal-administration fee. Ġie deċiż li jintbagħtu reminders lill-Presidenti ta' dawn ir-reġjuni.

4.5 Ġiet innuata li għadu ma ġiex ippuplikat ir-riżultat tal-inkjesta tax-xiri tal-uffiċini tal-Kunsill, minkejja numru ta' reminders lis-Segretarju Parlamentari Josè Herrera. Ġie innutat ukoll li għad ma kienx hemm risposta mill-Ministru Joe Mizzi rigward il-proġett ta' Ġnien Karin Grech. Ġie deċiż li s-Sindku jagħmel kuntatt dirett hu mal-Ministru u mas-Segretarju Parlamentari.

4.6 Is-Sindku nfurmana li kellu laqgħa mal-FAA u r-residenti rigward il-proġett li hemm approvat fi Sqaq Żbibu. Huma talbu biex il-Kunsill jappella din id-deċiżjoni. Wara diskussjoni, il-Kunsill iddeċieda li ma jappellax minħabba li l-permess ħareġ skont l-istructural plan u jekk hemm xi heritage f'din is-sit, huwa kompitu tal-Sovrintendenza tal-Patrimonju Kulturali.

4.7 Ġie deċiż li jsir kuntatt ma' persuna li huwa espert fuq il-fondi tal-Ewropa. Dan għandu jitqabbad għal dawn il-fondi.

## 5 Korrispondenza

5.1 Ġiet innutata t-talba tad-Deputy Commissioner Zammit biex jiltaqa' mal-Kunsill. Għandna nistennew id-data u l-ħin propost mid-DC.

5.2 Ġiet innutata korrispondenza mid-Direttur tal-Cleansing rigward it-tindif tat-toroq Naxxar u Vjal ir-Riħan. Wara li l-Kunsill ġie assigurat li t-tindif qed isir mid-Dipartiment, ġie deċiż li jieqaf b'effett immedjat it-tindif mill-Kunsill f'dawn it-toroq.

5.3 Ġiet innutata r-risposta negattiva mill-iskejjel rigward it-tindif tal-librerija. Ġie deċiż li s-Sindku jiltaqa' magħhom rigward din il-materja.

5.4 Ġie innutat invit mill-ECAD għal seminar ġewwa Sweden.

5.5 Ġew innutati numru ta' emails minn resident fi Triq Antonio Schembri rigward parkeġġ illegali. Dan ġie rrappurtat lill-pulizija kif ukoll lir-reġjun.

5.6 Ġie innutata t-talba għal mera fi Triq l-Istefanotis. Ġie deċiż li din issir.

5.7 Ġiet innutata r-renewal tal-insurance tal-Kunsill. Il-Kumpanija infurmatna li hemm exclusion of liability, fil-kamra li ġġarrfet ħsarat f'Awwissu li għadda. Ġie deċiż li tiġi aċċettata din il-kundizzjoni.

## 6 Affarjiet oħra

6.1 Is-Sur Dominic Cassar ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill li l-karrozzi qed jidħlu b'veloċità qawwija minn Vjal ir-Riħan għal Triq R Caruana Dingli. Hu ssuġġerixxa li jsiru rumble strips. Dawn ma ġewx aċċettati minħabba li mhumiex addattati għal dan il-post. Hu talab ukoll biex jsir avviż fil-fuljett tal-Kunsill għal dawk li jixtiequ jixtru siġra tat-34U għall-masġar. Kien hemm qbil

rigward l-embellishment li għandu jsir fis-soft area fi Triq R Caruana Dingli u ġiet aċċettata l-istima tal-ELC għal 445 Ewro biex jitneħħew tliet siġar minn Triq iċ-Ċedru. Ġew approvati l-istimi biex jiġu rranġati xi bankini.

6.2 Is-Sur Mikhail Micallef informa lill-Kunsill li kien hemm seminar għall-Kunsilli taż-Żgħażagħ is-Sibt, 15 ta' Frar. Hu nforma lill-Kunsill li hemm belishia crossing lights fi Vjal ir-riRan li mhumiex qed jaħdmu.

6.3 Is-Sur Trevor Fenech informa lill-Knsill li hu kellu laqgħa mas-CEO tal-PBS rigward il-possibiltà li jkun hemm ko-operazzjoni bejn il-Kunsill u l-PBS.

6.4 Is-Sur Neville Mallia talab biex jitnaddfu l-mirja tat-toroq. Għandu jagħmel dan ix-xogħol il-ħaddiem tal-kunsill. Hu nforma li hemm bżonn xi tabelli li għandhom bżonn jinbidlu.

6.5 Is-Sinjura Marica Bayliss ipproponiet li ssir Car Show fl-1 ta' Ġunju fi Triq il-Kappella. Kien hemm qbil unanimu. Hi fakkret li kellha tintbagħat ittra lir-residenta fi Vjal ir-Riħan li għandha weraq u zkuk ħerġin għal fuq il-bankina u li qed joħolqu ostaklu għall-ħaddiema meta jkollhom bżonn jaħdmu fuq il-dawl tal-crossing lights.

**7 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-7.45pm. Kien hemm qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar it-Tnejn, 3 ta' Marzu 2014 fil-5.30pm.

**Kurt Guillaumier**
**Segretarju Eżekuttiv**

**Etienne Bonello Du Puis**
**Sindku**